**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 476/2016**

**SJ u JJ (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.*** **(C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn essenzjalment l-ilmentaturi qed jghidu li:

*"Ahna ninsabu certi u konvinti li l-prodotti finanzjarji li bighelna s-Sur Falzon ma kinux tajba ghalina ghax kellhom riskju gholi hafna.*

*Lis-Sur Falzon dejjem ghidnilu li ahna konna nippreferu anqas interessi milli riskju li nitilfu flusna kollha kif gralna.*

*Ahna qed nippretendu li jekk mhux l-ammont kollu li jammonta ghal Eur43,000 niehdu imqar ammont sew lura minnhom biex almenu ma nkunux tlifna flusna kollha li faddalna b'sagrificcji kbar.'*

**Ra r-Risposta tal-provditur tas-servizz**

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jidher illi jittratta allegata weghda ta' kapital garantit, u ghaldaqstant qieghed jigi inferit illi l-ilmentaturi qeghdin isostnu Ii hemm vizzju tal-kunsens tieghu meta ghazel Ii jinvesti fil-prodott *de quo* abbazi ta' din il-premessa;

3. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-ilmentaturi u l-eccepjent Wallace Falzon. Wallace Falzon huwa direttur u impjegat mas-socjetà eccepjenti *All Invest Company Ltd*., illi ghall-fini tal-ilment odjern hija l-legittimu kontradittrici tal-ilmentaturi u, ghaldaqstant, Wallace Falzon ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, l-eccepjenti jecceppixxu n-nullità tal-ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta in kwantu ma huwiex car x’inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti kif ukoll mhijiex cara x’inhi t-talba tal-ilmentaturi. Fit-talba taghhom l-ilmentaturi donnhom qed jitolbu parti mill-kapital investit però ma jindikawx is-somma pretiza u ma jaghtux hjiel ta’ kif dan l-Onorabbli Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu jasal ghas-somma. Hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' *'mis-selling'*, hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' ingann [u necessarjament allura vizzju ta' kunsens] u, ghalhekk, l-ilmentaturi jridu jiccaraw il-bazi tal-ilment u konsegwentement it-talba taghhom. L-eccepjenti, ghalhekk, qeghdin jirriservaw minn issa Ii jintavolaw eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-kaz;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandhom ebda kontroll u lanqas ma jiggestixxu huma l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd.* hija biss intermedjarju] u, ghaldaqstant, ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe telf Ii l-investimenti setghu garrbu;

6. Illi l-ilmentaturi huma investituri ta’ esperjenza f’hafna investimenti tramite is-socjetà eccepjenti u certament ma jistax jinghad illi ma setghux jifhmu l-portata tar-riskju assocjat mal-investimenti mertu tal-ilment;

7. Illi l-ilmentaturi jridu jipprovaw kwalunkwe telf allegat minnhom;

8. Illi, fil-mertu, mill-Formula tal-Ilment ma tirrizulta ebda raguni valida fil-Ligi ghalfejn l-eccepjenti ghandhom jigu kkundannati jhallsu xi somom lill-ilmentaturi, u sabiex it-talba tal-ilmentaturi tigi akkolta jrid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li kwalunkwe allegat telf ikun sar minhabba tort attribwibbli lill-eccepjenti;
9. Illi l-eccepjenti jichdu b'xi mod iehor naqsu mill-obbligi professjonali u/jew fiducjarji taghhom;
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz qed jeccepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat ghal meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*"L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta', taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza".*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali:

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***"Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze"***[1] il-Qorti spjegat:

*"Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[2]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz biegh prodotti finanzjarji u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi kif jirrizulta mill-*Purchase Contract Note*[3] u dokumenti ohra bhall-*File Note*,[4] liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress

[1] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

[2] *Bold* tal-Arbitru

[3] A fol. 12

[4] A fol. 11. Parti biss mill-*File Note* giet ipprezentata.

li min bieghu huwa *Licenceholder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] ghal kazi bhal dak odjern ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] *"wahda li tixbahha".*

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

L-Arbitru qed jilqa' t-tielet eccezzjoni ghaliex mill-atti jirrizulta li Wallace Falzon ma kienx qed jagixxi f'ismu personali izda f'isem *All Invest Co. Ltd.* u, ghalhekk, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-raba' eccezzjoni dwar in-nullità tal-ilment qed tigi michuda ghal dawn ir-ragunijiet. Il-provditur tas-servizz jibbaza din l-eccezzjoni a bazi tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 peress li skont hu l-ilment mhuwiex car.

Apparti l-fatt li anke l-Qrati taghna dejjem hadu l-linja li n-nullità ta' att gudizzjarju huwa xi haga straordinarja u jigi akkordat biss jekk jirrizulta xi pregudizzju lill-parti l-ohra, f'dan il-kaz ma japplikax il-Kodici tal-Procedura izda japplika l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jikkontempla l-ebda nullità f'att li jitressaq quddiem l-Arbitru.

L-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 jispjega x'ghandu jkun fih ilment li jitressaq quddiem l-Arbitru, fosthom, li tkun indikata l-parti li kontriha jsir l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment u r-rimedju li jkun qed jintalab. Il-provditur tas-servizz huwa indikat, l-ilmentaturi qed jaghtu bhala raguni li nbighilhom prodott li ma kienx addattat ghalihom u qed jitolbu rimedju kompensattiv.

---

[5] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd*., PA, 1/06/2017
[6] '*Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze*', deciza fid-19 ta' Mejju 2005

Barra minn hekk, anke jekk ilment ikun fih xi haga nieqsa, m'hemm l-ebda nullità fih u dan jista' jigi sanat ghax il-ligi ma tikkontemplax nullità; u fejn il-ligi ma titkellimx, l-Arbitru ma jistax jitkellem minflokha.

Ghal dawn ir-ragunjiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Dwar l-eccezzjoni li s-socjetà konvenuta hija biss intermedjarju u, ghalhekk, ma tistax iggorr responsabbiltà, il-fatti juru li l-provditur tas-servizz hija kumpanija licenzjata mill-*MFSA* bhala provditur ta' servizzi finanzjarji u meta taghti dawn is-servizzi, dawn is-servizzi jkunu qed jinghataw f'isimha proprju bhala principal u mhux bhala agent.

Il-*Purchase Contract Note*[7] hija fuq *letterhead* tal-*All Invest Co. Ltd.* deskritta bhala "*Independent Financial Advisors"* u fil-qiegh tal-ircevuta[8] fl-istess dokument hemm imnizzel li "*All Invest Co. Ltd. is licenced by the Malta Financial Services Authority to provide Investment Services under the Investment Services Act 1994".*

Ma ngabet l-ebda prova ohra li l-provditur tas-servizz ma kienx qed jaghti dan is-servizz bhala *Licenceholder* tal-*MFSA* u bhala principal. L-ilment mhuwiex fuq kif tmexxa l-investiment imma dwar jekk il-provditur tas-servizz bieghx sew u tax pariri sew lill-ilmentaturi.

Kull min jaghti servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u jaqa' fid-definizzjoni ta' provditur tas-servizzi finanzjarji taht il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta huwa soggett ghal proceduri quddiem l-Arbitru.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz skont dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[9]

[7] A fol. 12
[8] A fol. 15
[9] Kap. 555, Art 19(3) b)

L-ilmentaturi jsostnu li fuq parir tal-provditur tas-servizz huma investew is-somma ta' €36,000 fl-*SNS Bank NV* (*SNS*)[10] u l-ammont ta' €7,000 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*).[11]

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

Fl-*affidavit*[12] taghha, l-ilmentatrici xehdet illi kemm hi u kemm zewgha ma kinux nies li jifhmu fil-finanzi: ir-ragel kien ex-haddiem tat-Tarzna u jahdem fuq *sheet metal* u bhala *technician;* u hi kienet tahdem bhala _________. Qabel ma ltaqghu ma' Wallace Falzon kienu kawti kif jinvestu u kienu jinvestu fi *Stocks* tal-Gvern u f'*bonds* ta' kumpaniji lokali.

Lil Wallace Falzon tal-*All Invest Co. Ltd.* kienu jafuh peress li dan kien jahdem mal-*Middlesea Insurance* u kien hu li qalilhom li kellu kumpanija li taghti servizzi ta' investiment u hajjarhom jinvestu mieghu. Huma dejjem ghamluha cara mieghu li riedu jinvestu b'mod kawt:

*"Minn dejjem konna nghidulu illi nippreferu interessi zghar u prodotti siguri u li ridna ninvestu flusna fis-sod. In fatti kemm-il darba konna nghidulu 'ghalina ahjar ghasfur f'idna milli mija fl-ajru'".*

Lil Wallace Falzon kienu jafdawh bhala wiehed tal-familja u kienu jitkellmu dwar it-tfal li kienu tampar xulxin u qatt ma basru li seta' jaghmel xi haga li tmur kontra l-interessi taghhom. Kienu jqisuh bhala espert f'dan il-qasam u tawh il-fiducja taghhom kollha tant li fejn kien jghidilhom jiffirmaw kienu jaghmlu hekk minghajr ebda ezitazzjoni. Hu ma kienx jaghtihom kopja tad-dokumenti, u kisbu d-dokumenti li ghandhom wara li ghamlu rikjesta formali mal-*MFSA* wara li nqala' l-inkwiet fl-investimenti taghhom.

Wiehed mill-investimenti taghhom kien l-*SNS Bank NV 2020* ta' €36,000, li ma hallsuhomx f'daqqa ghax €16,000 harighomlhom hu stess minn investiment iehor li kien ghamlilhom (*MAN IP*) li, skont hu, kien sejjer hazin.

---

[10] A fol. 13
[11] A fol. 12
[12] A fol. 64 et seq

Skont is-Sur Falzon, fuq l-*SNS* kien sar *stress test* u assigurahom li b'hekk kien bank sod u wiehed mill-ahjar banek fl-Olanda. Ma tahomx aktar dettalji imma qaghdu fuqu.

Fuq il-parir tal-provditur tas-servizz investew sebat elef ewro ohra *"fl-Awstralja ghax stqarr diversi drabi li kien wiehed mill-ahjar postijiet biex tinvesti fih minhabba li kien miexi sew fl-ekonomija*", u dan l-investiment li sfaxxa wkoll kien f'*LM Investment Management Ltd.* Fl-*LMMPF* investew €7,000.

Meta harget l-ahbar fil-medja li l-*SNS* kien mar hazin u kkuntattjawh xorta, qalilhom li ma kinux tilfu l-investiment kollu izda meta mar id-dar taghhom qalilhom li l-bank kien gie espproprijat mill-Gvern Olandiz.

Qalilhom li xi nies kienu qed jippruvaw jaghmlulu l-hsara u ghalkemm talab l-ghajnuna tal-*MFSA* biex l-investituri jippruvaw jirkupraw flushom, din m'ghenitux u *"qieghda biss hemm gallarija"*.[13] Huma baqghu jemmnuh ghaliex kien jaf jikkonvinci. Kien jaghtihom l-impressjoni li huwa ragel genwin u tal-affari tieghu. Kif hargu affarijiet fil-*media* fuq is-Sur Falzon qalilhom li kien ser izarma u ssuggerielhom biex jikkuntattjaw lil *MFSP*.

Meta tilfu flushom fl-*SNS* talabhom id-dokumenti li kellhom u b'daqqa ta' pinna qata linja fin-nofs qisu l-investiment ma kienx jezisti u kiteb fuqu: "*Expropriated by the Dutch Government".*

Il-flus li tilfu kienu gemmghuhom b'hafna sagrificcji u ghamlu ljieli shah ma jistghux jorqdu bl-inkwiet. Li kieku kienu jafu li kienu prodotti kumplessi u "*sub-ordinated bonds"* ma kinux jinvestu fihom. Damu snin twal biex faddlu dawn il-flus u lanqas vaganza barra ma kienu jiehdu biex gemmghuhom.

Is-Sur Falzon kien qalilhom ukoll li l-kumpanija kellha obbligu li jkollha *back-up* biex taghmel tajjeb meta jkun hemm bzonn.

Huma qed jitolbu li jinghataw l-ammonti li investew u l-imghaxijiet fuqhom.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Ghall-provditur tas-servizz xehed Wallace Falzon permezz tal-*affidavit* tieghu.[14]

---

[13] A fol. 65

[14] A fol. 70 et seq.

Jghid li l-ilmentatrici kienet tiehu *leading role* fid-diskussjonijiet li kien ikollu maghhom. Izid li l-ilmentaturi kellhom firxa sew ta' investimenti mal-*All Invest*, *MSV* u banek u kienu ghamlu tnejn u ghoxrin investiment mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, ma jistax jifhem kif jghidu li kienu investituri bla esperjenza.

Jghid li maz-zmien bdew jghollu r-*risk appetite* u kienu lesti jiehdu riskji akbar u kellhom portafoll vast li kien jippermettilhom jaghmlu dan. Fosthom, kellhom il-*Metal/Agri Commodity Gainer* ma' *Sparkasse Bank* u meta mmatura investew il-flus fl-*ARM* mal-provditur tas-servizz. Jghid li minhabba l-esperjenza kbira li kellhom anke iffirmawlu "*Experienced Investor Declaration Form*" (DOK WF4) li kkonfermaw li kellhom diversi prodotti kumplessi.

Jghid li mhux minnu li kienu jimlew id-dokumenti wara li jiffirmaw l-ilmentaturi izda wara kienu jimlew biss l-isem, l-indirizz, ecc.

B'referenza ghall-mod kif sar l-investiment fl-*SNS* fis-sena 2012, jghid li l-investimenti taghhom fil-*MAN IP 220* u *Secure Capital S.A.* ma kinux sejrin tajjeb u wara li nfurmahom b'dan riedu li jigbdu l-flus u jinvestuhom x'imkien iehor. Hu ssuggerielhom biex jinvestu fl-*SNS* li kien iqisu investiment sod.

Jghid li kienu l-klijenti li ghazlu li jinvestu fl-*SNS* u nvestilhom €20,000 li kienu fis-*Secure Capital* u €16,000 li kellhom fil *MAN IP.*

Izid li dak iz-zmien is-*subordinated bonds* kienu meqjusa investiment sikur u kien jirraguna li ahjar *subordinated bond* f'bank barrani sod milli dak lokali, u banek fl-Ewropa li kellhom diffikultà, l-Gvernijiet taghhom dejjem ghamlu tajjeb ghalihom.

B'referenza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*LMMPF,* dan offrihulhom ghaliex l-ilmentaturi kienu ghamlu diversi investimenti ohra ma' *All Invest Co. Ltd.* u dan il-prodott kellu *track record* tajjeb u jghid li hu qatt ma qalilhom li kien *capital guaranteed.*

Huwa spjegalhom dan il-prodott u, skont Andrè Micallef tal-*MFSP,* il-progett ta' proprjetà kien digà beda fl-Awstralja. Jghid li mir-ricerka li ghamlu kien jirrizulta li l-*LM Management Performance Fund* kienet hallset regolarment id-dhul lill-investituri taghha u kien fond li kellu hafna assi ta' proprjetà.

Meta feggew il-problemi irrizulta li r-Regolatur Awstraljan kien akkuza lid-Diretturi tal-Fond b'negligenza bil mod kif il-*fund* gie gestit.

**Il-Prodott *SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (ISIN: XS0552743048) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS REAAL* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussidjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013, b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' 3 snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies.* Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li, akkost ta' kollox, l-istat kien se jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu.

Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-Bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*)**

L-ilmentaturi ghamlu investiment ta' €7,000 fil-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*) fit-18 ta' Novembru 2010.[15]

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-investiment. Dawn kienu kollha fid-dominju pubbliku u accessibbli ghal kull provditur ta' servizz li ried jaghmel *due diligence* tajba qabel ibiegh il-prodott.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[16]

Fi Frar 2014,[17] hargu ordnijiet biex il-fond jigi llikwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fis-sena 2001, u kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

---

[15] A fol. 12

[16] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM* cioé *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*

[17] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[18] il-fond huwa deskritt bhal wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum And Application*, li kien dokument li jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[19]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[20] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-fond kienu fl-Awstralja stess.[21]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-

---

[18] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf (accessat 22 ta' Marzu 2017)

[19] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru *hosted* fuq *servers* tal-*internet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[20] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[21] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar loan kien tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

"***Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor***."

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale*" jew "*sophisticated*".

Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal "*wholesale*" u "*sophisticated investors*" f'kaz ta' "*Australian resident investors*" biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statemen*t car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant, li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif gej:

***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentaturi, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portfoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

1) F'dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti .

2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh "*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*".

Ikompli hekk il-paragrafu:

*"The need to implement this measure to protect the fund arose for the first time last year, as per the Information Memorandum. Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible."*

Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[22]

3) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew ikklassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

Meta wiehed jigi biex janalizza prodott wara li jkun falla jrid joqghod attent li ma jirragunax u janalizza *with the benefit of hindsight*.

Imma l-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund*.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

Dan l-aspett kien digà fid-deher f'Novembru 2009, fejn fl-*Information Memorandum* kien digà qed jissemma li *"To protect all fund investments,*

[22] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

*payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager*."

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax priorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment tal-anqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kinux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk għall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wieħed raġonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jieħu dan il-fattur partikolari iżjed in konsiderazzjoni. Fl-analiżi tiegħu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jżomm quddiem għajnejh il-kriterji ta' eliġibilità għolja għal investituri ġewwa l-Awstralja biex investitur barra l-Awstralja jiġi ttrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta' protezzjoni applikat firrigward ta' investituri Awstraljani.

**Il-Profil tal-Ilmentaturi**

L-ilmentatur kien ex haddiem tat-Tarzna u l-ilmentatrici kienet ______________. Jgħidu li huma kienu jaħdmu ħafna u l-flus li investew kienu sforz l-għaraq ta' xbinhom. Huma ma jeskludux il-fatt li qabel ma nvestew fl-*SNS* u *LMMPF* kienu għamlu investimenti oħra mal-*All Invest Co. Ltd.,* u dan għamluh għaliex kellhom fiduċja kbira fid-direttur tagħha, Wallace Falzon, li tahom l-assikurazzjoni li kien raġel sew u espert fil-qasam tiegħu.

Fl-ittra uffiċjali tagħhom,[23] l-ilmentaturi jsemmu li qabel l-*SNS* u *LMMPF* huma kellhom ħames prodotti kollha fl-*ARM.*

Il-provditur tas-servizz jgħid li investimenti kellhom 22 mieghu iżda fid-dokument li esebixxa[24] ma jindikax jekk dawn l-investimenti saru kollha qabel l-investiment fl-*SNS* u *LMMPF* għax id-data ta' meta investew m'hijiex indikata.

Għalhekk l-Arbitru ma jistax jasal għall-konklużjoni kif qed jipprova jgħid il-provditur li dawn saru qabel l-investimenti fl-*SNS* u *LMMPF*. L-uniku dokument li jġib id-dati tal-investiment huwa l-ittra uffiċjali ipprezentata mill-ilmentaturi u l-Arbitru m'għandux triq oħra ħlief li joqgħod fuqha.

Minn dan jirriżulta li qabel l-*SNS* u l-*LMMPF,* il-provditur tas-servizz kien investa lill-ilmentaturi ħames prodotti kollha fl-*ARM.*

**Jekk il-Prodotti *de quo* kinux addattati (*suitable*) għall-Ilmentaturi**

Dwar l-investiment fl-*SNS* huwa stabbilit li l-provditur tas-servizz investa lill-ilmentaturi l-ammont qawwi ta' €30,726.[25] Il-provditur tas-servizz li kien l-espert

---

[23] A fol. 31
[24] A fol. 75-78
[25] A fol. 17

f'din it-tranzazzjoni messu kien jaf ahjar li kellu jferrex l-investimenti tal-ilmentaturi kemm jista' jkun u ma jinvestilhomx somma daqshekk qawwija fi prodott wiehed.

Dan imur kontra l-prassi professjonali mistennija u mhaddma f'dan il-qasam u b'hekk ma mexiex ma' dak imsemmi fl-Artikolu 19(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li jindika lill-Arbitru x'normi jista' jaddotta. Dan l-Artikolu jirreferi ghall-"*prassi segwita f'oqsma finanzjarji*" u ma kinetx prassi tajba min-naha tal-provditur tas-servizz li jinvesti dak l-ammont fi prodott wiehed ghax b'hekk kien qed izid ir-riskju lill-ilmentaturi.

Ghalkemm huwa minnu li kien investielhom fi prodotti ohra qabel l-*SNS* u *LMMPF*, minn dak li irrizulta mill-ittra ufficjali tal-ilmentaturi 'l fuq imsemmija, kellhom prodotti biss fl-*ARM* mibjugha lilhom mill-istess provditur tas-servizz.

Dan ma tahomx dik l-esperjenza u t-taghrif mehtieg biex jifhmu r-riskji abbinati ma' *subordinated bond (Tier 2)* kif kien l-*SNS*. Filwaqt li fl-*affidavit* estensiv tieghu il-provditur tas-servizz isemmi kemm ta informazzjoni lill-ilmentaturi, imkien ma jsemmi li spjega ezattament x'kien ifisser *subordinated bond* u r-riskji li dan kien igorr mieghu, kif spjegat fl-analizi tal-prodott aktar 'il fuq.

Anzi l-ilmentaturi jghidu li kieku kienu jafu x'riskji fih *subordinated bond* ma kinux jinvestu fih.[26] Kif stabbilit fl-analizi tal-prodott jirrizulta li l-*SNS Bank* kien digà f'diffikultajiet finanzjarji meta inbiegh il-prodott lill-ilmentaturi u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu jkun aktar kawt qabel ma jissuggerixxi u jbiegh il-prodott lill-ilmentaturi fuq l-iskala li bieghulhom.

Dwar il-prodott *LMMPF* jirrizulta li l-ilmentaturi investew is-somma ta' €7,000.[27] Kif stabbilit aktar 'il fuq, fl-Awstralja dan il-prodott kien jinbiegh biss lil "*wholesale*" jew "*sophisticated investors"*.

L-ilmentaturi ma kinux ''*wholesale*'' u ''*professional investors"* u ghalkemm min hareg il-prodott ma nsistiex li l-investituri riedu jkunu "*wholesale*" jew "*professional*" barra l-Awstralja, kellu jigi mill-provditur tas-servizz li ma joffrihx lil "*retail clients*" bhall-ilmentaturi ghaliex il-prodott kien wiehed bl-istess riskji

[26] A fol. 66
[27] A fol. 12

kemm għall-Awstraljani kif ukoll għal min ma kienx Awstraljan. Għalhekk dan il-prodott ma kienx "*suitable*" għall-ilmentaturi.

Dan il-każ huwa nieqes minn dokumenti importanti bħall-*File Note* u, filwaqt li l-ilmentaturi ipprezentaw id-dokumenti li kellhom, il-provditur tas-servizz ipprezenta biss "*cuttings*" tal-gazzetti li l-Arbitru ma jqishomx ta' xi relevanza partikolari u naqas milli jipprezenta dokumenti aktar relevanti, pereżempju ta' kif inbiegħ il-prodott u x'servizz ingħata u, għalhekk, l-Arbitru ser joqgħod fuq dak li qalu l-ilmentaturi bil-ġurament tagħhom illi huma kienu qagħdu fuq il-pariri tal-provditur tas-servizz u, għalhekk, is-servizz kien wieħed "*advisory*".

Galadarba kien "*advisory service*" skont ir-regoli tal-*MFSA*[28] kellu jsir dak li jissejjaħ *suitability test* tal-klijenti biex jiġi deċiż jekk il-prodotti kinux addattati għalihom u jekk setgħux jifhmu ir-riskji inerenti fihom, fost l-oħrajn.

Skont *SLC 2.13 tal-Investment Services Rules- Standard Licence Conditions (SLC)* li kienu japplikaw fiż-żmien li sar l-investiment, provditur tas-servizzi kellu, fil-każ li jagħti parir ta' investiment, iġib l-informazzjoni neċessarja (in konformi ma' *SLC 2.16 sa 2.20* kif ukoll *SLC 2.22 sa 2.24)* fuq l-għarfien u l-esperjenza tal-investitur, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-oġġettivi tiegħu biex jara li r-rakkomandazzjonijiet tas-servizz ta' investiment kinux addattati għalihom.

Skont *SLC 2.16* il-provditur ta' servizz ta' investiment għandu jiġbor l-informazzjoni neċessarja mingħand il-klijenti biex il-provditur jifhem il-fatti essenzjali fuq il-klijent u jkollu bażi raġonevoli fuq xiex jasal għal konklużjoni li t-tranżazzjoni speċifika li qed tiġi irrakkomandata tissodisfa l-kriterji li tilħaq l-oġġettivi ta' investiment tal-klijent. Ukoll, li l-klijent jiflaħ finanzjarjament jieħu r-riskji ta' investiment konsistenti mal-oġġettivi ta' investiment tiegħu, u kif ukoll li l-klijent għandu l-**esperjenza u l-għarfien neċessarju biex jifhem ir-riskji involuti fit-tranżazzjoni.**

Barra minn hekk, *SLC2.22*, li titlob informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-klijent fis-settur ta' investiment, tinkludi dawn li ġejjin: *in-natura u servizz li se jkun provdut u t-tip ta' prodott jew tranżazzjoni ikkunsidrata, inkluż il-kumplessità u r-riskji involuti; it-tip ta' servizz, tranżazzjoni u strument li l-klijent huwa familjari magħhom; in-natura, volum, frekwenza tat-tranżazzjoniijiet tal-*

[28] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions.* Fil-qosor *SLC.*

*klijent fi strumenti u l-perjodu fuq liema dawn twettqu; il-livell ta' edukazzjoni, professjoni jew professjoni relevanti tal-klijent.*

Il-provditur tas-servizz kellu kull opportunità jipprova, permezz tad-dokumenti li suppost zamm, biex juri li kien ghamel "*suitability test*" jew "*appropriateness test*"[29] sew tal-klijenti, izda dan m'ghamlux.

Kieku ghamel "*suitability test*" jew "*appropriateness test*" sew il-provditur tas-servizz kellu jasal ghall-konkluzjoni li l-prodotti *SNS* u *LMMPF* ma kellhomx jinbieghu lill-ilmentaturi ghar-ragunijiet 'il fuq imsemmija anke fl-analizi tal-prodotti *de quo.*

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni**.

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' €30,726 fl-*SNS*[30] u €7,000[31] fl-*LMMPF*, b'kollox is-somma ta' €37,726.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lill *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' sebgha u tletin elf, seba' mija u sitta u ghoxrin ewro (€37,726).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[29] A fol. 22 id-difensur tal-provditur tas-servizz jghid li l-prodotti inbieghu fuq bazi ta' "*promote and sell*" imma l-provditur tas-servizz imkien ma jipprova dan permezz ta' dokumenti li suppost zamm biex jipprova x'servizz ta lill-ilmentaturi.

[30] A fol. 17

[31] A fol. 12